# 18

## DEMOKRAZIJA U TRASPARENZA

Nemmnu f'politika u politiċi ta' responsabilità u kontabbiltà. Politiċi li jirrispondu għall-għemilhom u li jaraw li għemilhom ikun trasparenti.

## POLITIKA NADIFA

1 Inneħħu l-liġi tal-preskrizzjoni għall-politiċi dwar reati relatati mal-korruzzjoni.

2 Indaħħlu l-*Whistleblower Act*. Din tkun tipproteġi lil dawk kollha, inklużi uffiċjali pubbliċi u kumpaniji, li jista' jkollhom informazzjoni ġdida u fondata dwar każ jew każijiet biex jersqu 'l quddiem mingħajr biża' ħalli l-informazzjoni tiġi investigata fl-interess tal-poplu Malti.

3 Insaħħu jdejn l-Awditur Ġenerali billi nagħtuh aktar poteri biex jinvestiga, speċjalment fil-każ ta' persuni li ma jkunux iridu jikkollaboraw. L-Awditur Ġenerali jkun jista' juża dawn il-poteri biex, jekk ikun il-każ, jerġa' jiftaħ każijiet passati fejn ma sabx għajnuna minn xhieda kruċjali.

4 Indaħħlu Liġi tal-Finanzjament tal-Partiti. L-għan ikun li jiġi assigurat li flus li jkunu ġejjin direttament jew indirettament minn korruzzjoni, ma jiffinanzjawx Partiti u/jew politiċi individwali. Permezz ta' din il-liġi nimmiraw ukoll li nżidu t-trasparenza tal-Partiti u l-politiċi billi dawn ikunu mitluba jagħtu rendikont lill-pubbliku xieraq tal-istat finanzjarju tagħhom.

## NIĠĠIELDU L-KORRUZZJONI

5 Inħarrxu l-pieni għal reati marbuta mal-korruzzjoni. Il-liġi tkun tinkludi wkoll il-konfiska tal-beni u assi ta' min jinstab ħati.

6 Kull kumpanija internazzjonali li tkun trid tidħol għal kuntratti jew *tenders* Governattivi trid tiddikjara jekk tkunx ġiet *blacklisted* jew instabet ħatja ta' korruzzjoni minn organizzazzjonijiet internazzjonali, bħal Bank Dinji, l-Unjoni Ewropea u l-Bank għall-Investiment Ewropew, jew minn ġurisdizzjoni ta' pajjiż ieħor.